**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **445/2021 AD**

**DAVIDE CADELANO SPITERI (KI 135958A)**

**VS**

**(1) THE BOILING POT LIMTIED (C 82660);**

**(2) SIMONE PISU BĦALA DIRETTUR TAS-SOĊJETA' THE BOILING POT LIMITED (C 82660)**

**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU;**

**(3) SIMONE PISU**

**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba tar-rikorrent għall-ħlas ta' debitu allegatament dovut lilu fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fis-sitta (6) ta' Mejju 2021, **<u>Davide Cadelano Spiteri</u>** ippremetta:

   a. *Illi l-esponent jagħmel riferenza għall-kumpanija The Boiling Pot Ltd, liema kumpanija ġiet inkorporata fis-sena elfejn u sbatax (2017) minnu stess flimkien ma' kuġinuh Simone Pisu;*

   b. *Illi tali kumpanija ġiet inkorporata sabiex topera fil-qasam tal-'catering', u dan billi l-kumpanija kriet il-proprjeta' - The Boiling Pot, 48, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun;*

   c. *Illi l-esponent sellef lis-soċjeta' intimata flus u dan sabiex is-soċjeta' intimata tkun tista' tarma l-ħanut b'dak kollu neċessarju biex jopera bħala ristorant;*

   d. *Illi fis-sena elfejn u għoxrin (2020), l-esponent iddeċieda li jittrasferixxi l-ishma li kellu fl-istess soċjeta' intimata;*

   e. *Illi stante li l-esponent ma baqax azzjonist tas-soċjeta' intimata, huwa talab li jitħallas il-bilanċ rimanenti tal-ammont misluf, liema bilanċ jammonta għal tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677);*

   f. *Illi meta l-esponent avviċina s-soċjeta' intimata sabiex tħallas l-ammont dovut, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;*

   g. *Illi l-esponent ipprova jinterpella s-soċjeta' intimata diversi drabi permezz ta' korrispondenza, iżda nonostante dan is-soċjeta' intimata baqgħet moruża fil-ħlas tagħha;*

   h. *Illi fl-istess żmien meta kienet għaddejja l-korrispondenza bejn il-partijiet, l-esponent ġie mgħarraf li d-diretturi tas-soċjeta' intimata bdew ibiegħu*

*ħafna mill-oġġetti tal-ħanut, inkluż il-kċina u oġġetti mobbli oħrajn tal-kumpanija;*

i. *Illi sabiex l-esponent jissalvagwardja l-interessi tiegħu, intavola Mandat ta' Qbid fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677) u dan fuq l-oġġetti mobbli kollha li jinsabu fil-fond The Boiling Pot, 48, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun, liema mandat għandu n-numru ta' riferenza 559/2021 fl-ismijiet premessi;*

j. *Illi l-esponent ippreżenta wkoll Mandat ta' Sekwestru fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677) fl-ismijiet premessi, liema mandat għandu n-numru ta' riferenza 616/2021;*

k. *Illi fis-16 ta' April 2021, l-esponent ippreżenta Ittra Uffiċjali fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u dan sabiex jinterpella s-soċjeta' intimata tissalda d-dejn dovut minnha, liema ittra uffiċjali għandha n-numru ta' riferenza 1512/2021 fl-ismijiet premessi;*

l. *Illi minkejja dan kollu, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti u l-ammont suċitat ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677) għadu pendenti;*

m. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;*

n. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara l-intimati jew min minnhom bħala debituri tal-esponent Davide Cadelano Spiteri fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677);*

*ii. Tikkundanna l-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponent Davide Cadelano Spiteri l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677);*

*iii. Tordna l-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponent Davide Cadelano Spiteri l-ammont ta' tmienja u għoxrin elf u sitt mija sebgħa u sebgħin Ewro (€28,677);*

*u dan taħt il-provvedimenti kollha li l-Qorti tidhirlha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawn tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1512/2021, il-Mandat ta' Qbid bin-numru 559/2021 u l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 616/2021 a karigu tal-intimati;*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-għaxra (10) ta' Mejju 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, l-ewwel (1) ta' Ġunju 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex ir-rikorrent jippreżenta wkoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tat-talba tiegħu;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' **<u>The Boiling Pot Limited</u>** eċċepiet:

   *a. Illi primarjament, l-eċċipjenti jirrileva li t-talbiet kif rivolti fil-konfront ta' The Boiling Pot huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li ma hemm l-ebda somma bilanċjali dovuta fil-konfront tar-rikorrenti, peress li kwalsiasi ammont talvolta dovut ġie pjenament saldat;*

   *b. Illi di piu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni kif rivolta fil-konfront ta' l-eċċipjenti hija waħda vessatorja u bla bażi, intiża biss sabiex tikkawża danni finanzjarji lis-soċjeta' eċċipjenti, u dan in segwitu li r-rikorrenti għażel li jabdika mir-relazzjonijiet kummerċjali tiegħu, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

c. *Illi in vista tal-premess, it-talbiet għal ħlas kif rivolti fil-konfront tas-soċjeta' eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

d. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

6. Finalment, permezz ta' risposta ġuramentata datata wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2021, **<u>Simone Pisu</u>** eċċepixxa:

a. *Illi l-ewwelnett u in via preliminari, l-eċċipjenti jeċċepixxi n-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li jirriżulta li l-eċċipjenti jinsab imħarrek doppjament mir-rikorrenti, liema fatt jindika nuqqas ta' kjarezza fl-abbozzar tar-rikors ġuramentat, u joħloq sitwazzjoni ambigwa għal eċċipjenti;*

b. *Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess in via preliminari, l-eċċipjenti Simone Pisu fil-kwalita' tiegħu personali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, peress illi kwalsiasi relazzjoni kummerċjali bejn l-attur u l-eċċipjenti saret tramite l-intimata l-oħra, is-soċjeta' "The Boiling Pot" (C 82660) u għalhekk Simone Pisu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

c. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet għal ħlas kif rivolti fil-konfront tal-eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

d. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' The Boiling Pot Ltd;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata ta' Simone Pisu;

10. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Davide Cadelano Spiteri** a fol 52 *et seq* tal-proċess, u d-dokument anness miegħu;

11. Rat l-affidavit ta' **Nicola Cadelano Spiteri** a fol 58-59 tal-proċess;

12. Rat l-affidavit ta' **Tommaso Cadelano** a fol 60 tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Beppe Muscat**, prodott mill-attur, waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021[1], u rat id-dokumenti minnu esebiti, cioe (a) *audit report* dwar is-soċjeta' The Boiling Pot Limited (immarkata **Dok BM1** a fol 66 *et seq* tal-proċess), u (b) *financial statement* tas-soċjeta' The Boiling Pot Limited (immarkat **Dok BM2** a fol 82 *et seq* tal-proċess);

14. Rat in-nota tar-rikorrent datata wieħed u għoxrin (21) t'Ottubru 2021, illi permezz tagħha esebixxa in atti: (a) *invoice* datata tnax (12) ta' Jannar 2018 maħruġa mir-rikorrent bħala direttur ta' Davide Cadelano Woodworks, b'relazzjoni għal servizz ta' xogħol fuq il-bar li kien sar għal The Boiling Pot, fl-ammont ta' €8,000.40 (**Dok DCS1** a fol 90 tal-proċess); (b) rapport tal-VAT dettaljat ta' The Boiling Pot Ltd li jinkludi wkoll spejjeż inkorsi minn The Boiling Pot datati l-1 ta' Novembru 2017 sa 28 ta' Frar 2018 fejn hemm dikjarat l-ispiża tal-bar fl-ammont ta' €6,780 li jeskludi VAT (**Dok DCS2** a fol 91 tal-proċess); (c) dokumenti uffiċjali relatati mat-

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 65A *et seq* tal-proċess;

trasferiment ta' *shares* li kienu fuq Davide Cadelano u r-riżenja uffiċjali tal-istess Davide Cadelano minn Direttur u Rappreżentant Legali u Ġudizzjarju ta' The Boiling Pot Limited (**Dok DCS3** a fol 92 *et seq* tal-proċess);

15. Rat in-nota tar-rikorrent datata l-ewwel (1) ta' Novembru 2021 illi permezz tagħha esebixxa in atti: (a) kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 1512/2021 (**Dok X** a fol 104-105 tal-proċess); (b) kopja legali tal-mandat ta' sekwestru numru 616/2021 (**Dok Y** a fol 106 *et seq* tal-proċess); u (c) kopja legali tal-mandat ta' qbid numru 559/2021 (**Dok Z** a fol 111 *et seq* tal-proċess);

16. Rat l-affidavit ta' **Simone Pisu**, immarkat **Dok SG** a fol 121 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

17. Rat l-affidavit ta' **Teresa Gomisel**, immarkat **Dok TG** a fol 141 *et seq* tal-proċess;

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Davide Cadelano Spiteri**, prodott mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022[2];

19. Semgħet ix-xhieda ta' **Nicola Cadelano Spiteri**, prodotta mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju 2022[3];

20. Semgħet ix-xhieda ta' **Tommaso Cadelano**, prodott mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2022[4];

21. Semgħet ix-xhieda ta' **Enrico Pisu**, prodott mill-intimati, waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2022[5];

22. Rat ir-ritratt esebit mill-intimati a fol 190 tal-proċess;

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 149 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 167 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 178 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 182 *et seq* tal-proċess

23. Semgħet ix-xhieda ta' **Simone Pisu**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022[6];

24. Semgħet ix-xhieda ta' **Teresa Gomisel**, prodotta mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Frar 2023[7];

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata tnax (12) ta' Marzu 2023, a fol 231 *et seq* tal-proċess;

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata The Boiling Pot Ltd datata tnejn (2) ta' Mejju 2023, a fol 242 *et seq* tal-proċess;

27. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Simone Pisu datata tnejn (2) ta' Mejju 2023, a fol 247 *et seq* tal-proċess;

28. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

29. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***<u>Nullita' tar-Rikors Ġuramentat</u>***

30. L-intimat Simone Pisu jibda billi jeċċepixxi n-nullita' tar-rikors ġuramentat stante illi jinsab imħarrek doppjament mir-rikorrent, liema fatt jindika nuqqas ta' kjarezza fl-abbozzar tar-rikors ġuramentat u joħloq sitwazzjoni ambigwa għall-eċċipjenti;

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 191 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 214 *et seq* tal-proċess

31. Simone Pisu ġie mħarrek f'żewġ kwalitajiet differenti fil-kawża odjerna, u cioe bħala Direttur tal-kumpanija The Boiling Pot Limited, u f'ismu personali. Ir-rikorrent jispjega fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi r-raġuni għalfejn għamel dan kienet peress illi Simone Pisu allegatament beda jbigħ assi tal-kumpanija waqt li kienu għaddejjin diskussjonijiet dwar kreditu allegatament dovut lir-rikorrent;

32. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Richard Attard noe vs John Rizzo noe***[8],

> *14. Illi hija u tqis dan l-aggravju, il-Qorti ttenni li f'materja ta' nullita` tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullita` ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdien li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali* [App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet ***Vella v. Cefai*** (Kollez. Vol: LXXV.ii.467)]. *Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*
>
> *15. Illi l-eċċezzjoni preliminari mistħarrġa mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet titkellem fuq in-nuqqas ta' ċarezza tal-azzjoni mibdija mill-appellant. Mill-kliem innifsu tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, joħroġ illi (i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-*

[8] Rik Nru 181/2011/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 18 ta' Frar 2021

*raġuni għala jkun qiegħed jitlob dik il-ħaġa; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni jew raġunijiet kif premess fir-Rikors Maħluf; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża* [App. Ċiv 30.3.1998 fil-kawza fl-ismijiet ***Ray Bezzina v. Anthony Galea*** (mhix pubblikata)]*;*

*16. Illi ingħad ukoll f'deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati matul iż-żmien* [App Ċiv. 29.3.2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Roland Darmanin Kissaun et v. Global Capital Financial Management***] *li n-nuqqasijiet fl-att ġudizzjarju jridu jidhru mad-daqqa t'għajn u mill-mod kif l-att ikun imfassal. Minbarra dan, biex tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi jew nullita` ta' att ġudizzjarju, in-nuqqas irid ikun wieħed li jissemma fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi msemmi. Ingħad ukoll li d-distinzjoni bejn nullita` mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta* [Ara, per eżempju, P.A. C.S. 4.11.1988 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea v. Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)]. *Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarita` kwalsijasi. Biex partikolarita` f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u rrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali*

[P.A. GCD 31.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et v. Medserv Operations Limited***];

33. Din il-Qorti ma tarax illi l-fatt illi l-attur ħarrek lil Simone Pisu kemm fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur u kif ukoll f'ismu personali kkawża xi sitwazzjoni ambigwa għall-istess intimat. L-oġġett tal-kawża jirriżulta b'mod ċar mir-rikors ġuramentat, u t-talbiet huma marbuta mar-raġunijiet mogħtija fir-rikors maħluf. Mir-rikors ġuramentat innifsu, il-Qorti setgħet tifhem ir-raġuni illi għaliha ġie mħarrek ukoll Simone Pisu *qua* Direttur u f'ismu proprju, u dan il-fatt ma jidhirx illi xekkel lill-istess Pisu milli javvanza difiża fil-mertu, iressaq il-provi kollha in sostenn tar-risposta tiegħu, u jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali. Infatti, fl-istadju tal-ġbir tal-provi, l-intimat attenta wkoll iġib provi sabiex jissostanzja dak illi kien qiegħed isostni, u cioe illi l-apparat illi kien prova jbigħ, kien apparat tiegħu u li r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt fuq l-istess apparat. Dan juri illi l-intimat fehem eżattament ir-raġuni illi għaliha r-rikorrent kien ħarrku kemm f'ismu personali kif ukoll fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur tas-soċjeta' intimata;

34. Din il-Qorti ma tqisx għalhekk illi jirriżulta n-nuqqas ta' xi partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi, illi jirrikjedi s-sanzjoni estrema tan-nullita' tar-rikors ġuramentat;

35. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimat Simone Pisu.

***<u>Leġittimu Kontradittur</u>***

36. Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, Simone Pisu jeċċepixxi illi, fil-kwalita' tiegħu personali, huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, peress illi kwalsiasi relazzjoni kummerċjali bejn l-attur u Simone Pisu saret tramite s-soċjeta' The Boiling Pot Limited;

37. Dwar dak illi għandu jiġi kkonsidrat leġittimu kontradittur, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[9]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

[9] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Ara wkoll Rik Ġur 512/2016, ***M&Z (Marketing) Limited vs Darren Casha***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Felice, 17 ta' Ġunju 2019 (in ġudikat)

> *Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estraneju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

38. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, fuq dan il-punt, l-intimat Simone Pisu għandu raġun. Kwalsiasi dritt ta' kreditu illi r-rikorrent qiegħed jippretendi illi għandu, huwa biss fil-konfront tas-soċjeta' The Boiling Pot Limited, u, l-aktar l-aktar, fil-konfront ta' Pisu fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur tal-istess soċjeta', iżda żgur illi mhux fil-konfront ta' Simone Pisu personalment. Il-kawża odjerna ddur ma' *shareholders' loan*, illi, hekk kif ser jiġi spjegat b'mod ampju aktar 'il quddiem, minnu nnifsu jixhed illi l-mertu tal-kawża jirrigwarda rapport kummerċjali bejn ir-rikorrent, ex-*shareholder* u ex-Direttur tas-soċjeta' intimata, u s-soċjeta' intimata u/jew id-Diretturi preżenti tagħha. Il-Qorti ma tarax illi Simone Pisu, f'ismu personali, għandu jitqies illi b'xi mod seta' kien materjalment parti fin-negozju li ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha tiwledet l-azzjoni odjerna;

39. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Simone Pisu, u tiddikjara illi huwa, in kwantu mħarrek f'ismu personali, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

***L-Ammont Pretiż mir-Rikorrent***

40. Ir-rikorrent qiegħed isostni illi hija dovuta lilu s-somma ta' tmienja u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677), rappreżentanti flus illi huwa sellef lis-soċjeta' intimata meta kien għadu azzjonist fl-istess soċjeta' sabiex tkun tista' tarma l-ħanut b'dak kollu neċessarju sabiex jopera

ristorant. Ir-rikorrent jikkontendi illi gialadarba huwa ma baqax azzjonist tas-soċjeta' intimata fis-sena 2020, dan l-ammont huwa issa dovut;

41. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata teċċepixxi illi m'hemm l-ebda somma bilanċjali dovuta lir-rikorrent, peress li kwalsiasi ammont talvolta dovut ġie pjenament saldat;

42. Jirriżulta mill-atti illi r-rikorrent u Simone Pisu kienu jiġġestixxu *Fresh Pasta Laboratory* u ristorant / bar flimkien, iżda, f'ċertu punt, ir-rikorrent, għal raġunijiet tiegħu personali fosthom in-negozju illi għandu bix-xogħol tal-injam, iddeċieda illi ma xtaqx jibqa' fi sħab ma' Pisu. Għaldaqstant ir-rikorrent għażel illi jittrasferixxi l-ishma tiegħu fis-soċjeta' intimata lil mart Simone Pisu, cioe Teresa Gomisel;

43. Skont messaġġ illi mhux qiegħed jiġi kontestat illi ntbagħat mir-rikorrent fuq *group chat* illi kienet teżisti bejn ir-rikorrent, martu u Gomisel, ir-rikorrent qal, *"Buon pomeriggio, voglio chiudere la questione e sono pronto a transferire gli shares a zero considerazione; dimettermi da direttore e trasferire il permesso dell'eletricita' dal mio nome al vostro a vostre spese ovviamente. Che si fa'?"*[10] Mhux qed jiġi kontestat illi t-trasferiment sar *"a zero considerazione"*, u infatti, ix-*Share Transfer Agreement*[11] jgħid illi, *"The Transferor* ***Davide Cadelano*** *hereby transfers to the undersigned Transferee* ***Teresa Gomisel****, who accepts and acquires 360 shares for the total price of €1.00, in the Limited Liability Company constituted and registered under the Laws of Malta as* **The Boiling Pot, Company Registration Number (C-82660)***, having its registered address at 144/6 'St Michael's Court', Triq Annibale Preca, Lija, LJA 1917."*;

44. Madanakollu, dak illi qiegħed jiġi kontestat huwa jekk il-fatt illi r-rikorrent ittrasferixxa l-ishma tiegħu *"a zero considerazione"* kienx ifisser illi huwa kien qiegħed jirrinunzja għad-dritt tiegħu fuq is-somma ta' tmienja u

[10] Vide dokument a fol 140 tal-proċess
[11] Vide **Dok DCS3** a fol 93 tal-proċess

għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677), jew kienx qiegħed jittrasferixxi l-ishma tiegħu mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu fuq l-istess somma. Naturalment, filwaqt illi l-ewwel interpretazzjoni hija dik illi qed tingħata mill-intimati, it-tieni interpretazzjoni hija dik illi qed tingħata mir-rikorrent;

45. Ix-xhud **Beppe Muscat**, u cioe l-Awditur illi t-tim tiegħu ħadem l-*audit* tas-soċjeta' intimata, ippreżenta *Annual Report and Financial Statements* għas-sena li tispiċċa Diċembru 2019[12]. F'paġna 10 ta' dan ir-rapport, ġiet imniżżla ċ-ċifra ta' €95,589 bħala *Shareholders' Loan*, indikata bħala *"interest free, unsecured and has no fixed repayment date"*. In oltre, imbagħad, l-istess xhud jesebixxi wkoll *Financial Statement* tas-soċjeta' intimata għas-sena illi kienet tagħlaq f'Diċembru 2019[13], u f'dan id-dokument, is-somma ta' €95,589 hija maqsuma wkoll f'żewġ ċifri, u cioe €28,677 indikata bħala *Shareholder's Loan – Davide*, u €66,912 indikata bħala *Shareholder's Loan – Simone*;

46. Ix-xhud jispjega, *"[I]d-diretturi tal-kumpanija jridu jieħu responsabilita' ta' dawk il-financial statements, allura bħala prassi, qabel l-accountants jgħaddu dawk il-financial statements għand l-awditur, jikkonfermaw mal-klijent li qed jaqblu ma' dawk il-figuri biex jekk hemm xi ħaġa li mhux qed jaqblu magħha, l-aġġustamenti jsiru qabel imur għand l-awditur, u mhux wara."*[14]. Il-fatt illi din il-prassi ġiet applikata fil-każ odjern tinsab fl-*e-mail* esebita wkoll minn **Beppe Muscat** a fol 82 tal-proċess, illi fiha, ċertu Annamaria Davi', *Client Account Advisor* illi x-xhud jikkonferma illi kienet tifforma parti mit-tim tiegħu, bagħtet il-*Financial Statement* lil Teresa Gomisel *"per la vostra approvazione"*. Għal din l-*e-mail,* Teresa Gomisel irrispondiet, ***"OK Annamaria confermo che va bene."***;

47. F'dan il-punt ikun għaqli illi din il-Qorti tara fiex tikkonsisti eżattament *Shareholders' Loan*. **Beppe Muscat** jiddefinixxi *shareholders' loan* bħala

[12] Vide **Dok BM1** a fol 66 *et seq* tal-proċess
[13] Vide **Dok BM2** a fol 85 tal-proċess
[14] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu a fol 65C tal-proċess

*"loans li jkunu taw is-shareholders lill-kumpanija"*[15]. Il-**Prof. Andrew Muscat**, fil-ktieb tiegħu ***Principles of Maltese Company Law***, jispjega b'mod aktar dettaljat:

> *[...] A basic distinction must be drawn between "share capital" and "loan capital". Share capital broadly refers to the funds contributed to the company's resources by the shareholders, qua shareholders. Share capital represents rights in the company. Unlike share capital, the term "loan capital" is not a legal term of art. It is a commercial expression usually referring to the funds borrowed by a company other than by short and medium term borrowing. The debt may be secured (for example by a general or special hypothec or by a mortgage) or unsecured. Loan capital sometimes takes the form of debentures. In contrast to share capital, loan capital represents rights against the company.*[16]

48. Hekk ukoll, l-awtur **L. C. B. Gower**, fil-ktieb tiegħu, ***The Principles of Modern Company Law***, jgħid:

> *Loan capital is fundamentally different from share capital: it is a legally enforceable debt and not a mere book-keeping entry. It too will appar on the liabilities side of a balance sheet.*[17]

49. Ix-*shareholders' loan* hija għalhekk l-hekk imsejħa *loan capital*, u cioe self illi *shareholder* ikun għamel lill-kumpanija. Jirriżulta, iżda, mid-definizzjonijiet hawn mogħtija, illi dan is-self huwa indipendenti mill-valur tal-ishma illi trasferixxa r-rikorrent lil Teresa Gomisel. Infatti, fil-*Balance Sheet* tas-soċjeta' intimata esebita minn Beppe Muscat bħala **Dok BM2** a

---

[15] Ibid., a fol 65D
[16] Muscat, A., *Principles of Maltese Company Law* (Malta University Press, 1st Edn, 2007) p. 603-604
[17] Gower, L.C.B, *The Principles of Modern Company Law* (Stevens & Sons Ltd, 3rd Edn, 1969) p. 112

fol 85 tal-proċess, filwaqt illi x-*Shareholders' Loan* huma mniżżla bħala *Long-Term Liabilities*, ix-*Share Capital* huwa mniżżel separatament fl-ammont ta' €1,200 taħt il-kap *Capital Employed*. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għal dak imniżżel fl-i*Statement to be submitted by a Transferee in a Transfer of Company Shares* a fol 96 (formanti parti minn **Dok DCS3**), fejn l-*Authorised Share Capital* u *Issued Share Capital* huma indikati fl-ammont ta' *"Euro 1,200 divided into 1,200 shares of Euro 1 each"*. Huwa evidenti għalhekk illi meta r-rikorrent ittrasferixxa l-ishma tiegħu, huwa kien qiegħed jittrasferixxi sehmu mix-*Share Capital*, iżda l-*Loan Capital* (jew *Shareholder's Loan*) kien għadu dovut;

50. Apparti l-fatt illi r-rikorrent kien qalilhom illi huwa kien ser jittrasferixxi l-ishma tiegħu *"a zero considerazione"*, l-intimati jqajmu diversi punti in sostenn tal-argument tagħhom illi l-ammont pretiż mir-rikorrent mhuwiex dovut: (a) illi *"He* [cioe, ir-rikorrent] *never mentioned that he wanted to be paid any sum of money."*[18]; (b) *"Davide was not putting energy in the business"*[19]; (c) *"Davide was totally absent from the running of The Boiling Pot"*[20]; u (d) "*I know about shares, I do not know about any loan."*[21];

51. Il-Qorti tirrileva illi l-ewwel *prova madre* huwa l-*Financial Statement* tas-soċjeta' rikorrenti, esebit in atti bħala **Dok BM2**, liema *statements* ġew ukoll konfermati minn Teresa Gomisel innifisha. Anke jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu illi, hekk kif issostni in kontro-eżami l-istess Gomisel, *"I agreed all the financial statements. About the shareholders loan yes, it was inside but I did not know"* għaliex *"I am not an accountant, I was just ok saying yes, this is my financial statement"*[22], il-*Financial Statements* huma d-dokumenti uffiċjali illi jiġu reġistrati mal-*Audit Report*, u għalhekk, bħala prova, huma ta' min joqgħod fuqhom. It-tieni *prova madre* hija l-*Balance Sheet* annessa mal-*Audit Report* (**Dok BM1**, a fol 70 tal-proċess), iffirmata kemm minn Simone Pisu u kif ukoll minn Teresa

---

[18] Vide affidavit ta' Simone Pisu, a fol 123 tal-proċess
[19] Ibid, a fol 122 tal-proċess
[20] Vide l-affidavit ta' Teresa Gomisel, a fol 142 tal-proċess
[21] Vide xhieda ta' Simone Pisu in kontro-eżami, a fol 207 tal-proċess
[22] Vide xhieda ta' Teresa Gomisel in kontro-eżami, a fol 219 tal-proċess

Gomisel, illi fiha x-*Shareholders' Loans* huma indikati bħala *Borrowings*, indipendentement u separatament mix-*Share Capital* indikat fl-ammont ta' €1,200. Fl-aħħar mill-aħħar, il-liġi timponi fuq id-Diretturi ta' kumpanija illi l-kontijiet relattivi tal-kumpanija *"jagħtu dehra vera u ġusta tal-assi, il-passivi, il-pożizzjoni finanzjarja u tal-kont tal-qligħ u t-telf tal-impriża"* (Art 167(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta), b'dana illi dak illi ġie imniżżel f'**Dok BM1** u **Dok BM2** għandu għall-fini u effetti kollha tal-liġi jiġi meqjus bħala approvat u rikonoxxut mid-Diretturi, u li jagħti stampa veritiera tas-sitwazzjoni illi fiha kien jinsab in-negozju;

52. Finalment, fl-istadju ta' ġbir tal-provi, din il-Qorti ngħatat l-impressjoni illi Simone Pisu u Teresa Gomisel kienu qed iqajmu l-argument illi huma investew bil-wisq aktar mir-rikorrent fil-kumpanija[23]. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx illi dan huwa argument illi jista' jagħtihom konfort fil-kawża odjerna. Fl-ewwel lok, ma ġie fl-ebda punt kontestat illi Pisu u Gomisel kienu għamlu investimenti fin-negozju bħalma għamel ir-rikorrent. Madanakollu, il-fatt illi Pisu u Gomisel kien investew fin-negozju, ma jfissirx illi ma kienx għamel l-istess ir-rikorrent, speċjalment jekk l-investimenti tat-tlieta li huma kienu qed jiġu riflessi fil-kontijiet tan-negozju bħala *Shareholders' Loan*. Fit-tieni lok, imbagħad, u mingħajr preġudizzju għal dak appena senjalat, il-kawża odjerna ma tirrigwardax dak illi ġie investit minn Pisu u Gomisel, iżda dak illi ġie investit mir-rikorrent. Għaldaqstant, kwalsiasi infiq illi sar minn Pisu u Gomisel huwa rrelevanti għall-każ odjern;

53. **Meqjus il-premess, din il-Qorti tqis illi l-ammont ta' € 28,677 pretiż mir-rikorrent *qua Shareholder's Loan*, huwa għalhekk dejn dovut lir-rikorrent, b'dana illi t-talba rikorrenti għall-ħlas tal-istess għandha tiġi akkolta;**

54. <u>Madanakollu</u>, din il-Qorti tagħraf illi s-self sar mir-rikorrent lis-soċjeta' intimata, u għalhekk **hija s-soċjeta' intimata illi hija d-debitriċi tar-rikorrent fl-istess ammont**. Konsegwentement, qiegħed jiġi dikjarat illi

[23] Vied l-affidavit ta' Simone Pisu a fol 121 *et seq* tal-proċess u l-affidavit ta' Teresa Gomisel a fol 141 *et seq* tal-proċess

hija s-soċjeta’ intimata illi għandha tirrifondi s-somma ta’ € 28,677 lir-rikorrent, u mhux id-Diretturi tagħha;

55. F’dawk illi huma imgħaxijiet dovuti fuq dan l-ammont, il-Qorti tagħraf illi l-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta jistabbilixxi illi imgħaxijiet għal obbligazzjoni ta’ xorta kummerċjali għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita; madanakollu, fil-każ odjern, ma kienx hemm data partikolari illi fih l-ammont dovut kellu jitħallas. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 1512/2021 lis-soċjeta’ konvenuta, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

56. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa’</u>** t-tieni eċċezzjoni sollevata minn Simone Pisu, u tiddikjara illi Simone Pisu, f’ismu personali, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) Mill-bqija, **<u>tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mis-soċjeta’ The Boiling Pot Limited u minn Simone Pisu;

(iii) **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara illi s-soċjeta’ The Boiling Pot Limited hija debitriċi ta’ Davide Cadelano Spiteri fl-ammont ta’ tmienja u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677);

(iv) **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba rikorrenti u tiddikjara illi s-soċjeta’ The Boiling Pot Limited għandha tħallas lil Davide Cadelano Spiteri l-ammont ta’ tmienja u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677);

(v) **<u>Tilqa’</u>** t-tielet talba rikorrenti u tordna lis-soċjeta’ The Boiling Pot Limited tħallas lil Davide Cadelano Spiteri s-somma ta’ tmienja u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro (€ 28,677), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 1512/2021, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 1512/2021, tal-mandat ta’ qbid numru 559/2021 u l-mandat ta’ sekwestru numru 616/2021 kontra s-soċjeta’ intimata.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**